MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 17/2011

**A B**
**vs**

**Dr Cedric Mifsud u l-Prokuratur Legali Peter Paul Zammit li b'digriet tat-23 ta' Frar 2011 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-assenti C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu hawn Malta fil-15 ta' Lulju 2000, u minn liema ghaqda ma kienx hemm tfal;
2. Illi l-partijiet taw il-kunsens taghhom ghall-kuntratt taz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali, jew ohrajn tal-

hajja missewga, jew tad-dritt ghal att taz-zwieg u dana kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga taghhom u jew b'anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibbli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjoni essenzjali taz-zwieg;

Ghaldaqstant qed titlob li din il-Qorti :

1. Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi;

Bl-ispejjez kontra l-intimat ngunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Cedric Mifsud u il-PL Peter Paul Zammit li *in forza* taghha huma eccepew :

Illi l-kuraturi ghamlu bosta tentattivi sabiex jikkuntattjaw lill-assenti Saleh D, pero sal-lum dawn it-tentattivi ghad ma kellhomx ezitu posittiv u ghalhekk m'humiex edotti ghal fatti ta' kaz;

Ghaldaqstant f'kaz li jirnexxielhom jaghmlu kuntatt jisservaw li, bl-awtorizazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti, jipprezentaw eccezzjonijiet f'stadju ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Cedric Mifsud u il-PL Peter Paul Zammit;

Semghet ix-xhieda li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-prociment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mix-xhieda illi tat l-attrici illi l-attrici iltaqghet mal-konvenut fis-17 ta' Lulju tas-sena 2000 darba wahda biss il-Belt u dana meta kienu marru fir-registru pubbliku biex jizzewgu. Hija xehdet illi l-konvenut kien taha elf lira Maltin (LM1,000) talli izzewgitu sabiex hu jibqa jghix Malta. Hija xehdet ukoll viva voce u qalet illi kienet izzewgitu ghall-konvenzjenza sabiex takkwista xi ftit tal-flus. L-attrici xehdet illi xi hadd kien laqqaha mal-konvenut ghal din il-fini, jigifieri sabiex hi tizzewgu, il-konvenut jghaddilha is-somma ta' elf lira Maltin (LM1,000) u b'hekk hu ikun jista jibqa jghix Malta. L-attrici xehdet illi assolutament ma kellha l-ebda intenzjoni illi tizzewweg u illi jkollha t-tfal u illum il-gurnata taf illi zbaljat bil-kbir. Hija xehdet illi dak iz-zmien ma kienitx tahsibhom u ma kienitx impjegata u ma kellhiex flus, izda illum il-gurnata rabbiet l-ghaqal u ghandha impjieg sod.

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici tikkontendi illi l-kunsens taghha u tal-konvenut kien vizzjat bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew ta' dritt ta' l-att taz-zwieg u ghalhekk f'dan ir-rigward il-Qorti tara illi ghandha tezamina l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Artikolu imsemmi jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali, kif ukoll dik parzjali.

Illi fir-rigward it-tifsira tal-frasi eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, is-simulazzjoni totali, Il-Qorti rat sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Lulju 1982 fil-kawza fl-ismijiet "Bonnici vs Bonnici" fejn il-Qorti qalet illi biex tirrizulta is-simulazzjoni totali jrid jigi ppruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg. Illi il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda tal-partijiet, minkejja il-fatt illi formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg, jigifieri minkejja il-fatt illi l-partijiet ikunu qalu iva ghaz-zwieg, ir-rieda interna taghhom kienet fis-sens illi kienu qeghdin jeskludu iz-zwieg jew totalment jew inkella parzjalment.

Illi fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "Galea vs Walshi" deciza fit-30 ta' Marzu 1995, il-Qorti spjegat is-simulazzjoni bhala "meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".

Illi min esternament ikun wera li qed jaghti il-kunsens matrimonjali izda internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qieghed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu.

Illi l-Qorti rat ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Mejju 2002 fil-kawza fl-ismijiet Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine fejn il-Qorti qalet hekk "meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali."

Illi effettivament fil-kaz odjern il-partijiet la riedu jizzewgu u lanqas ma riedu il-kumpanija ta' xulxin. Iz-zwieg mhux biss kien simulat izda kien qoxra li una volta tqaxxret ma instab xejn hlief farsa totali u dana peress illi l-partijiet izzewgu biss ghall-konvenjenza. L-attrici izzewget sabiex takkwista elf lira Maltin (LM1,000) u il-konvenut izzewweg sabiex ikun jista jibqa jghix Malta u dana peress illi kien barrani.

Illi certament il-partijiet la riedu il-kommunjoni tal-hajja mizzewga, la xtaqu l-indissolubbilta` tar-rabta taz-zwieg, la riedu jezercitaw id-dritt ghall-fedelta` u lanqas id-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied. Tant hu hekk illi wara li saret ic-cerimonja taz-zwieg hi marret banda u hu mar band'ohra u qatt ma raw aktar lil xulxin.

Illi ghall-Qorti dan huwa kaz klassiku ta' simulazzjoni totali u ghalhekk bla dubju dan iz-zwieg huwa null ghall-finijiet ta' l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici ippremettiet ukoll illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga taghhom u / jew b'anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibbli ghall-partijiet illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici bl-ebda mod ma ippruvat li jew hi, jew il-konvenut kienu qeghdin ibaghtu fil-mument illi taw il-kunsens taghhom minn xi anomalija psikologika serja li kien jaghmilha impossibli ghalihom li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, izda irnexxielha tipprova illi l-kunsens taghha u tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u / jew fuq l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Ikkunsidrat :

Illi sabiex jirrizulta difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) tal-Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 irid jirrizulta li, fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens ghaz-zwieg, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju mhuwiex semplicement nuqqas ta' hsieb jew nuqqas ta' riflessjoni; u lanqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hija kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju.
Illi ghalhekk id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti, u cioe'

illi wiehed ikun jaf ghal x'hiex inhu diehel u jaghti il-kunsens tieghu bir-rieda hielsa tieghu. Fi kliem iehor, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkomprendi il-maturita tal-gudizzju u il-maturita affettiva. Min jaghti il-kunsens tieghu ghaz-zwieg irid ikun jaf ghal x'hiex inhu diehel, irid ikun jaf bl-obbligi essenzjali taz-zwieg, ikun kapaci jassumihom u apparti minn dan irid ikollu il-liberta tieghu sabiex b'mod hieles jaghzel illi jidhol ghar-rabta taz-zwieg u dak kollu illi z-zwieg igib mieghu.

Illi kif diga intqal, diga gie ippruvat illi l-partijiet eskludew totalment iz-zwieg u izzewgu biss ghall-konvenjenza.

Illi ghalhekk dan iwassal ukoll ghall-fatt illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u / jew fuq id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u ghalhekk dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat ukoll null a bazi tal-ewwel parti tal-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inghata bl-esklussjoni posittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali taz-zwieg, kif ukoll illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, izda mhux b'anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibbli ghall-partijiet li jaqbu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------